MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 24 ta' April, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 488/17LM

**Valentino Brothers (P78), R & J Holdings Company Ltd (C 40986), Immagine Casa Ltd (C 32263) u Petroni Ltd (C 18602)**

***vs.***

**Kunsill Lokali Sta Venera u Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetajiet rikorrenti **Valentino Brothers, R & J Holdings Company Ltd, Immagine Casa Ltd u Petroni Ltd.** (minn issa 'l

quddiem "is-soċjetajiet rikorrenti"), li ġie ppreżentat fis-27 ta' Marzu, 2017, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti:*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu l-intimat milli:*

*Tibni, tħaffer, tikkostruwixxi, tbiddel il-konfigurazzjoni tat-triq, jew b'kull mod tifforma central stip mibnija 'l fuq mil-livell tat-triq fi Triq il-Kanun*[1]*, Sta Venera kantuniera ma' Triq il-Brunzar, preċisament fil-lok immarkat b'ċirku aħmar fuq il-pjanta annessa Dok A.*[2]

*ILLI r-rikorrenti ilhom għal bosta snin jiġġestixxu n-negozju tagħhom minn fondi, ossija mħażen fi Triq il-Brunżar, Sta Venera u dana kif ukoll jidher indikat fuq il-pjanta annessa Dok A.*

*ILLI ż-żona msemmija hija żona indikata mill-awtoritajiet kompetenti bħala waħda semiindustrijali.*

*ILLI n-negozju tal-esponenti jinvolvi fost oħrajn importazzjoni ta' diversi oġġetti minn barra minn Malta li jintbagħtu lilhom f'containers li jinħattu viċin l-imħażen fis-sit suindikat.*

*ILLI qabel il-ħatt tal-containers l-esponenti llkoll jipprokuraw il-permessi neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti bħalma jirriżulta mill-kopji tal-emails annessi fejn il-pulizija eżekuttiva jagħtu permess għall-ħatt tal-istess fi Triq il-Brunżar, liema trailers bil-container mgħobbi jaċċedu għall-imsemmija triq mill-pjazzetta indikata b'ċirku aħmar fuq il-pjanta annessa Dok A.*

*ILLI preżenzjalment mingħajr ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti, l-intimati jew min minnhom inkarigaw kuntrattur sabiex jikkostruwixxi central strip 'il fuq mil-*

[1] B'diġriet ta' din il-Qorti tal-04.04.17 l-isem tat-triq ġie korreġġut għal Triq Ħal-Qormi.
[2] *A fol.* 3 tal-proċess.

*livell tat-triq fil-pjazzetta li minn Triq il-Kanun*[3] *tagħti għal triq il-Brunżar kif jidher fir-ritratti annessi Dok B u C.*[4]

*ILLI bil-kostruzzjoni tal-imsemmija central strip, trailers bil-containers fuqhom mgħobbijin ma jkunux jistgħu jaċċedu għall-imsemmija Triq il-Brunżar u konsegwentement jinħattu kif ilu issa jsir għal diversi snin u peress li* ***dan hu l-uniku aċċess.***

*ILLI dan ser jippreġudika irrimedjabbilment il-ġestjoni tan-negozju tar-rikorrenti.*

*ILLI dana l-preġudizzju li ser isofru r-rikorrenti ma jistax jiġi evitat, ħlief billi l-intimati jew minn minnhom u jiġu inibiti jibnu, jħaffru, jikkostruxxu, jbiddlu l-konfigurazzjni tat-triq, jew b'kull mod jifformaw central stip mibnija 'l fuq mill-livell tat-triq fi Triq il-Kanun, Sta Venera*[5] *kantuniera ma Triq il-Brunzar, preċismanet fil-lok immarkat b'ċirku bl-aħmar fuq il-pjanta annessa Dok A.*[6]

*GĦALDAQSTANT rikorrenti jissottomettu bir-rispett, illi għandhom prima facie dritt x'jissalvagwardjaw kontra l-intimati.*

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu, 2017 fejn ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta laqgħet it-talba provviżorjament b'dan li rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

[3] B'diġriet ta' din il-Qorti tal-04.04.17 l-isem tat-triq ġie korreġġut għal Triq Ħal-Qormi.
[4] *A fol.* 4 u 5 tal-proċess.
[5] B'diġriet ta' din il-Qorti tal-4/4/17 l-isem tat-triq ġie korreġġut għal Triq Ħal-Qormi.
[6] Ġew esebiti *a fol.* 6 sa 20 tal-proċess korrispondenzi bl-*e-mail* bejn is-soċjetajiet rikorrenti mal-Pulizija meta jkunu ser jħottu *containers* biex jittrasferrixxu l-merkanzija fil-*warehouses* tagħhom fi Triq il-Brunżar, Santa Venera u n-*no objection* tal-Pulizija basta ma joħolqux inkonvenjent lis-sidien, ma jimpedixxux it-traffiku, il-ħatt isir bejn it-tmienja u nofs u l-ħdax u nofs ta' filgħodu u li jiġu osservati ir-regolamenti tal-Avviż Legali: L.S. 65.08. *A fol.* 21 tal-proċess ġiet esebita mappa tal-MEPA, illum Awtorità tal-Ippjanar, is-Sta Venera *Area Policy Map.*

Rat illi kemm il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u kemm l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (TM) ġew notifikati bir-rikors it-tnejn li huma fis-27 ta' Marzu, 2017.

Rat ir-Risposta tal-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità intimata") ippreżentata fit-3 ta' April, 2017, fejn ġie eċċepit:

*Illi l-Awtorità esponenti tirrileva li r-rikorrenti ma għandhom ebda bażi legali, lanqas prima facie għat-talba tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni odjern u tali talba hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Preliminarjament l-Awtorità esponenti mhijiex il-leġittima kontraditriċi għat-talbiet tar-rikorrenti u dan għar-raġuni segwenti:*

A. *Illi l-Awtorità esponenti ma kellha l-ebda involviment, la dirett u lanqas indirett fl-allegati xogħlijiet li dwarhom ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw. Huma ma kienu involuti fl-ebda allegati xogħlijiet, lanqas ma inkarigaw lil xi kuntrattur u lanqas ma għandhom il-ħsieb li jagħmlu b'mod dirett jew indirett ix-xogħlijiet li dwarhom qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti, ossia 'tibni, tħaffer, tikkostruwixxi, tbiddel il-konfigurazzjoni tat-triq, jew b'kull mod tifforma central strip mibnija l-fuq mil-livell tat-triq fi Triq il-Kanun, Sta Venera kantuniera ma' Triq il-Brunzar';*

B. *Illi s-sit inkwistjoni li dwaru qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti ossia 'Triq il-Kanun, St Venera kantuniera ma' Triq il-Brunzar' ma taqax taħt il-kompetenza tal-Awtorità esponenti, stante li tali toroq huma toroq residenzjali u għalhekk la huma arterjali u lanqas distributorji. Fil-fatt l-kompetenza tal-Awtorità esponenti għal dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u l-kostruzzjoni ta' toroq hija limitata għal toroq arterjali u distributorji;*

C. *Illi l-artikolu 7(b) tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Awtorità għandha s-setgħa u l-funzjoni li:*

*'tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:*

*Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:*

*Iżda wkoll, meta triq tkun se tiġi ffurmata minn xi persuna skont xi liġi oħra, ma tkunx il-funzjoni tal-Awtorità li tifforma dik it-triq;' (Enfażi miżjuda).*

D. *Illi di più, ir-regolament 3(1) tal-leġiżlazzjoni sussidjarja 499.57 jipprovdi speċifikament li*

*'L-Awtorità għandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriża, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-ġdid, twessigħ, tiġdid, manteniment, titjib, immaniġġar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:*

*Iżda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il- Kunsilli Lokali.' (Emfażi miżjuda)*

*Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti ma setgħet qatt u bl-ebda mod tiġi indirizzata lill-Awtorità esponenti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq suespost, hawnhekk qegħdin fi stadju ta' talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u għaldaqstant ir-rikorrenti kellhom prima facie jipprovaw d-dritt pretiż minnhom u l-preġudizzju għall-istess fl-att minnhom preżentat quddiem din l-Onorabli Qorti, iżda dan l-oneru ma ġiex sodisfaċentement pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti u mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-Awtorità esponenti ma kellha l-ebda involviment fl-allegati*

*xogħlijiet u lanqas ma għandha l-ħsieb li tagħmel b'mod dirett jew indirett x-xogħlijiet li permezz tal-mandat qegħdin jintalbu li jitwaqqfu.*

*Illi għalhekk, in vista ta' dak suespost, l-Awtorità esponenti ssostni li m'hemm ebda raġuni valida fil-liġi għala din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u toħroġ il-mandat b'mod definittiv u għaldaqstant l-istess Awtorità qiegħda umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka contrario imperio d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrenti, u tgħaddi sabiex tiċħad it-talba b'mod definittiv.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Kunsill Lokali Santa Venera** (minn issa 'l quddiem "l-Kunsill intimat") ippreżentata fit-3 ta' April, 2017, fejn ġie eċċepit:

*Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex takkolji t-talba tagħhom u dan fuq il-premess illi:*

*1. a) ilhom għal bosta snin jiġġestixxu n-negozju tagħhom minn fondi, ossija mħażen fi Triq il-Brunzar, Santa Venera,*

*b) Illi żona hija żona semiindustrijali,*

*c) Illi fihom ipoġġu oġġetti li qed jiġu importati minn barra minn Malta f'containers li jinħattu viċin l-imħażen fis-sit suindikat,*

*d) Liema trailers bil-container mgħobbi jaċċedu għall-imsemmija triq mill-pjazzetta indikata,*

*e) Mingħajr ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti.*

*2. Illi konsegwenza tax-xogħlijiet inkorsi, konsistenti fil-bini ta' central strip, ir-rikorrenti qed isostnu illi:*

*a) Ma jkunux jistgħu jaċċedu għal imsemmija triq u jiħottu kif ilu jsir,*

*b) Illi konsegwenza tax-xogħlijiet ser jippreġudikaw irrimedjabbilment il-ġestjoni tan-negozju,*

*c) Illi l-preġudizzju illi ser isoffri r-rikorrenti ma jistax jiġi evitat ħlief billi l-intimati jew minn minnhom jiġu inibiti jibnu, jħaffru, jikkostruwixxu, jbiddlu l-konfigurazzjoni tat-triq, jew b'kull mod jifformaw central strip mibnija 'l fuq mill-livell tat-triq fi Triq il-Kanun, Santa Venera kantuniera ma' Triq il-Brunzar, preċisament fil-lok mmarkat b'ċirku bl-aħmar fuq il-pjanta annessa Dok A.*

*Illi huwa prinċipju stabbilit illi l-għan għat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak, fost oħrajn, li żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat u dan skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi bil-Liġi jeħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak:*

*1. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti.*

*2. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrenti jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet.*

*Jiġi nnutat li minn kliem il-liġi nnifisha, iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal-ħruġ ta' Mandat bħal dak.*

*Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

*Fil-Mertu*

*Illi meta wieħed iħares sew lejn dak li ġie premess, wieħed mill-ewwel jistabbilixxi illi:*

*3. a) ilhom għal bosta snin jiġġestixxu n-negozju tagħhom minn fondi, ossija mħażen fi Triq il-Brunzar ġewwa Santa Venera.*

*Bħala konsegwenza tax-xogħlijiet inkorsi, ir-rikorrenti, mhux qed jiġu miżmuma b'xi mod milli jkomplu jiġġestixxu n-negozju tagħhom u ċioè li jkomplu jużaw il-proprjetà tagħhom bħala mħażen.*

*b) Illi ż-żona hija semiindustrijali*

*Illi bir-rispett kollu, l-fatt li żona tkun indikata jew huwa permess li titħaddem ċerta industrija, ma jfissirx li l-area għandha tintelaq u titħalla traskurata sabiex isservi l-iskop u l-bżonn tal-ftit. Fit-Triq il-Brunzar ġewwa Santa Venera jabitaw diversi familji li wkoll għandhom id-drittijiet u prijoritajiet tagħhom li ma jistgħux jiġu traskurati. Illi f'din it-triq partikolari hemm stat ta' chaos u dan kif qiegħed jiġi muri bir-ritratti annessi bħala Doc KL1 u KL2.[7] Jidher b'mod ċar li hemm trailers illi qegħdin jagħlqu nofs karreġġjata li jirriversjaw fil-karreġġjata opposta u dan bil-konsegwenza li jikkonstrinġu traffiku jgħaddi one way u b'hekk jikkawżaw traffic jams kif ukoll detriment kbir u fastidju għar-residenti u għal kull min jagħmel użu minn din it-triq anki bir-riġel. Illi anki l-ħinijiet li dawn il-containers qegħdin jinħattu huwa l-ħin ta' bejn is-7.30 ta' filgħodu u 12.00pm u dan kif qiegħda tiġi indikata tabella bħala Doc KL3[8] mwaħħla ma' proprjetà li ma tappartjenix lir-rikorrenti u mingħajr ebda permess mingħand il-kunsill kif mistenni illi jkun hemm. Illi dan il-ħin huwa antipatku ħafna hekk li t-tfal kollha tar-residenti illi jridu jattendu l-iskola fit-8.30 ta' filgħodu qiegħda tkunilhom perikoluża u tirrendilhom diffikultà kbira sabiex jaqsmu t-triq.*

*c) Oġġetti li qed jiġu importati minn barra minn Malta f'containers li jitħattu viċin l-imħażen fis-sit suindikat*

---

[7] *A fol.* 30 u 31 tal-proċess.
[8] *A fol.* 32 tal-proċess.

*Illi l-fatt li l-oġġetti jintbagħtu lilhom b'containers ma jfissirx li dawn għandhom jibqgħu jidħlu fil-post imsemmi permezz ta' containers. Ir-rimedju huwa sempliċi. Jekk dawn l-oġġetti jidħlu f'imħażen oħra f'postijiet aktar addattati u jitgħabbew fuq mezzi ta' transport iżgħar u aktar addattati li joperaw f'żoni residenzjali jew semiresidenzjali jew addirittura jintbagħtu lir-rikorrenti fuq mezzi żgħar bħal container tal-għoxrin minflok tal-erbgħin. Illi din it-triq ma tiflaħx dak il-kobor u toqol ta' makkinarju u dan bħalma qegħdin juru b'mod ċar Doc KL4 u KL5*[9] *kif anness. Illi anki l-parkeġġ qiegħed jiġi limitat immens u dan kif juri Doc KL6.*[10] *Illi għaldaqstant wasal iż-żmien illi t-triq tiġi embellished u organizzata.*

*d) Liema trailers bil-container mgħobbi jaċċedu għall-imsemmija triq mill-pjazzetta indikata*

*Illi primarjament wieħed jinnota illi l-containers qegħdin jiksru l-liġi stante illi qegħdin jidħlu minn triq one way u dan kif juru b'mod ċar Doc KL7 u KL8*[11]*. Illi l-fatt li minflok b'container tidħol b'mezzi iżgħar ma jfissirx li qed tiġi mċaħħad mill-użu jew li ma għandux issir embellishment u organizzar tal-maniġġjar tat-toroq aħjar.*

*e) Mingħajr ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti*

*Illi bid-dovut rispett kull xogħol ta' kostruzzjoni ta' toroq jew xogħlijiet oħra f'toroq f'żoni abitati huma regolati bid-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 29 tas-sena 2010 minn fejn jirriżulta ampjament illi l-uniċi entitajiet fejn għandhom isiru konsultazzjonijiet, jekk ikun il-każ huma l-Awtorità għat-Trasport F'Malta jew l-Awtorità tal-Ippjanar/ERA skont il-każ.*

*Illi għalhekk ma nkisser l-ebda dritt jekk ma kienx hemm konsultazzjoni minn qabel.*

*Illi dan kollu wassal għal konklużjoni li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jissodisfaw iż-żewġ rekwiżiti neċessitati enunċjati aktar 'il fuq u ċioè li:*

---

[9] *A fol.* 33 u 34 tal-proċess.
[10] *A fol.* 35 tal-proċess.
[11] *A fol.* 36 u 37 tal-proċess.

*a) L-ewwel ħaġa li jrid juri r-rikorrenti hi li l-mandat hu meħtieġ biex jitħarrsu l-jeddijiet pretiżi minnhom u*

*b) It-tieni ħaġa hi li r-rikorrenti jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet.*

*c) Kif ġie espost l-ebda dritt ma hu jew ser jiġi miksur.*

*Hemm differenza bejn il-ksur ta' dritt tal-individwu u l-egoiżmu ta' individwu li jippretendi li ma jsirx embellishment jew amministrazzjoni aħjar tat-traffiku f'lokalità sempliċiment għax ma jkunx komdu jew ekonomiku għalih bħalma hu l-każ odjern.*

*Jiġi sottomess bir-rispett illi r-rikorrenti, jew min minnhom, ma hu ser ibati/u l-ebda telf ta' xi jedd li jista jkollu/jkollhom u li ser jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

*Ma huma ser jitilfu xejn minn dak li għandhom. Sempliċement kwistjoni tal-mod ta' kif titwassal il-merkanzija illi ser jinbidel.*

*Għaldaqstant, filwaqt illi jirriżulta b'mod ċar illi r-rikorrenti ma rnexxielhom bl-ebda mod juru li bil-kostruzzjoni tal-imsemmija central strip huma ser ibatu xi preġudizzju li ser ikun irrimedjabbli. Jiġi sottomess bir-rispett illi bil-mod kif ser tiġi reorganizzata t-triq u l-usu in ġenerali, ser jiġi assigurat illi jiġi evitat xi inċident traġiku u dan kif spjegat aktar 'il fuq.*

*Tant l-esponenti jissottometti għas-savju ġudizzju superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-mandat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tas-soċjetajiet rikorrenti fl-udjenza tal-4 ta' April, 2017, fejn il-mandat fil-konfront tal-Awtorità intimat ġie

irtirat, u dan wara x-xhieda ta' **Nicholas Baldacchino,** rappreżentant tal-Awtorità intimata. Baldacchino xehed li l-Awtorità hi responsabbli biss għal xogħlijiet ta' *tarmacking* tat-toroq l-ewwel darba u għal manutenzjoni u xogħlijiet f'toroq arterjali u distributorji u għal toroq oħra fejn jintalbu mill-kunsilli, però din ma kinitx waħda minnhom. Ir-rappreżentant tal-Awtorità intimata ddikjara illi t-triq fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet mertu tal-proċedura odjerna ma kinitx waħda mit-toroq li għalihom hija responsabbli l-Awtorità li ma kellha x'taqsam xejn max-xogħlijiet fit-triq mertu tar-rikors.

Semgħet fl-udjenza tal-4 ta' April, 2017 it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tar-rikorrenti u tal-Kunsill intimat, li ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku, u fejn ir-rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 875 u 876A.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetjiet rikorrenti qegħdin jitlobu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jiġi miżmum milli jkompli bix-

xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' *central strip* fi Triq Ħal-Qormi, kantuniera ma' Triq il-Brunzar, Santa Venera minħabba li din ser timpedixxi li *trailers* bil-*containers* milli jħottu hemmhekk merkanzija li jimpurtaw minn barra, ħalli minn hemm tidħol fil-*warehouses* tagħhom fi Triq il-Brunzar. Is-soċjetajiet rikorrenti jgħidu li din l-attività ilha għaddejja għexieren ta' snin, u li l-*warehouses* tagħhom ilhom hemm snin twal. Is-soċjetajiet rikorrenti jgħidu li dan hu l-uniku aċċess għall-fondi kummerċjali tagħhom u li fuq kollox l-*area* inkwistjoni hija semiindustrijali. Apparti dan is-soċjetajiet rikorrenti jgħidu li nkiser ukoll id-dritt tagħhom għal konsultazzjoni minħabba li x-xogħlijiet bdew isiru mingħajr ma huma qatt ġew ikkonsultati. Is-soċjetajiet rikorrenti għalhekk isostnu illi jeżistu l-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat inibizzjoni għax huma għandhom kemm *prima facie* jedd x'jissalvagwardjaw kif ukoll ser isofru preġudizzju kbir u irrimedjabbli għall-attività kummerċjali tagħhom jekk ma jinħareġx il-mandat.

Min-naħa tiegħu l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jilqa' għal dan billi jgħid li l-fatt li tali negozju ilu sejjer għal ħafna snin, dan m'għandux jimpedixxi lill-Kunsill milli jipprova jikkontrolla l-*chaos* totali li tali ħatt ta' *containers* qed joħloq meta għal nofstanhari sħaħ, nofs il-karreġġjata fi Triq Ħal-Qormi f'din is-speċi ta' pjazzetta tkun meħuda bil-*containers,* jintilef parkeġġ ta' karozzi, ma jkunx hemm aċċess sigur għat-tfal tal-iskola u għar-residenti ta' dik l-*area,* bil-possibilità ta' inċident serju jistenna li jitfaċċa minn mument għal ieħor u sitwazzjoni ta' *chaos* anki

fit-traffiku. Għad illi ż-żona inkwistjoni hi waħda semiindustrijali, il-Kunsill intimat isostni illi f'din iż-żona hemm ukoll ħafna residenti li għandhom ikollhom id-drittijiet tagħhom issalvagwardjati. Il-Kunsill intimat esebixxa ritratti li juru li sabiex dawn il-*containers* kbar jaslu fl-area inkwistjoni jkollhom jgħaddu *one way.* Il-Kunsill isostni illi jekk s-soċjetajiet rikorrenti jużaw *containers* ta' għoxrin pied minflok ta' erbgħin pied bħala daqs, ikunu jistgħu jaħdmu sewwa anki bis-*central strip* ipproġettata li ser tirregola l-*area* aħjar għal kulħadd u ser isir *embellishment* tal-istess *area.*

Min-naħa waħda s-soċjetajiet rikorrenti jsostnu illi bis-*central strip* ipproġettata, il-*containers* kbar li jużaw fil-preżent ma jkunux jistgħu jaċċedu għal Triq Ħal-Qormi fejn is-soltu jħottu l-merkanzija, filwaqt li l-Kunsill intimat ipproduċa ritratti li juru l-istat kaotiku eżistenti bħalissa fil-pjazzetta inkwistjoni li hija semiindustrijali u semiresidenzjali.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi r-Rikors odjern qiegħed jintalab abbażi tal-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*

(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas

lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara** ***et. vs.*** **Carmelo Barbara** ***et.***[12]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Sonia Grech** ***pro. et. noe. vs.*** **Stephanie Manfré** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

[12] P.A., 13.05.2014.

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata,

sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le;

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[13];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi

---

[13] P.A., 25.01.2005.

tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[14];

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi: Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra tqis issa kif dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, għandhom jiġu applikati għall-fatti odjerni kif jirriżultaw mad-daqqa t'għajn.

Fl-ewwel lok l-ewwel element li jrid jintwera mis-soċjetajiet rikorrenti hija li għandhom, sa l-istadju hawn ta' *prima facie,* jedd x'jissalvagwardjaw. Din il-Qorti ma tikkunsidrax li kull disaġju għandu jkun ikkunsidrat bħala jedd għax kieku kulħadd jibda jippretendi jeddijiet li ma jeżistux u qatt ma jistgħu jeżistu f'soċjetà li trid tibbilanċja l-varji jeddijiet tas-sezzjonijiet kollha ta' soċjetà.

[14] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008

Illi s-soċjetajiet rikorrenti bla dubju għandhom, bħal kull operator ekonomiku ieħor, jedd sagrosant għall-attività ekonomika tagħhom, għall-inqas sal-istadju ta' *prima facie,* għax ladarba l-attività ekonomika tagħhom hija koperta b'permessi u b'dak li jimponu tali permessi, din hija xi ħaġa li għandha tidħol fiha l-Qorti li eventwalment trid tirrisolvi l-vertenza f'kawża *ad hoc*. Iżda s-soċjetajiet rikorrenti ċertament m'għandhom ebda jedd li jiddettaw kif u *come* jħottu l-merkanzija fi spazju pubbliku sabiex din imbagħad tinġarr u tiġi maħżuna fl-imħażen tagħhom, jekk huma u jagħmlu dan joħolqu diżaġju għal ħaddieħor. Li kieku s-soċjetajiet rikorrenti se jiġu impeduti milli jġorru l-merkanzija fil-*warehouses* tagħhom, dan żgur kien ikun ta' theddida għall-jeddijiet tagħhom li jiġġestixxu n-negozji rispettivi tagħhom. Iżda hawnhekk ma jistax jingħad illi qegħdin jiġu mittiefsa l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom. Di fatti bħala prova tal-jeddijiet tagħhom, is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw korrispondenza fejn jitolbu ta' kull darba jekk hemmx xi oġġezzjoni mill-Pulizija għall-ħatt ta' *container* ta' erbgħin pied u dan joħroġ mill-istess regolamenti taħt il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.08[15] u ma hemmx xi dritt intrinsiku li ma jistax jiġi miċħud skont iċ-ċirkostanzi. Tant hu hekk skont l-*e-mails* esebiti mis-soċjetajiet rikorrenti[16], meta l-Pulizija tagħti l-permess tagħha dejjem timponi bħala kundizzjoni li apparti li jitħarsu skrupolożament ir-regolamenti kontenuti fil-

---

[15] Regolamenti dwar *tractors* bil-mutur – Regolament 13. (1) Ebda persuna ma għandha twaqqaf f'xi post xi karrella, xi vettura kummerċjali mill-kbar, jew xi vettura kummerċjali oħra mgħobbija b'*container*, sabiex tgħabbi u/jew tħott ħlief f'dak il-post u f'dak il-ħin li jiġi stabbilit mill-Kummissarju. (2) Ebda persuna ma għandha tħott konsenja fi *groupage* ħlief f'dak il-post u matul dak il-ħin li jiġu stabbiliti mill-Kummissarju.

[16] *A fol.* 6 sa 20

Leġiżlazzjoni Sussidjarja msemmija, timponi wkoll kundizzjonijiet dwar ħinijiet u li ma għandux jiġi affettwat it-*traffic flow* u li l-attività ma tkunx ta' *nuisance to neighbours.*

Tqis illi filwaqt illi m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, madankollu trid tiddetermina jekk is-soċjetajiet rikorrenti għandhomx xi dritt kweżit *prima facie* li l-ħatt tal-merkanzija tagħhom jibqa' jsir bilfors bis-sistema kif qed issir illum u mill-provi prodotti f'livell *prima facie* dan ma jirriżultax.

Tqis illi s-soċjetajiet rikorrenti jistgħu jsofru xi inkonvenjent u probabbilment jiswielhom aktar mil-lat finanzjarju biex jgħabbu l-merkanzija f'post mhux semiresidenzjali għal fuq *containers* iżgħar jew vannijiet jew trakkijiet, iżda dan ċertament hu l-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn l-inkonvenjent li ser isofru r-rikorrenti u dak li ċertament xorta jsofru r-residenti bil-ħatt ta' *containers* ta' għoxrin pied jew vannijiet jew trakkijiet.

Illi *del resto* jekk s-soċjetajiet rikorrenti ser isofru xi telf finanzjarju, dawn dejjem għandhom ir-rimedju li jekk ikollhom suċċess fil-kawża li jkollhom jintavolaw kontra l-Kunsill, id-danni jistgħu jirkuprawhom mingħand il-Kunsill fl-eventwalità li jiġi deċiż illi huma għandhom id-dritt ikomplu bis-sistema preżenti ta' ħatt ta' merkanzija u li titneħħa s-*central strip* jekk

tkun saret. Fil-fatt fid-digriet fl-atti tal-mandat fl-ismiijiet **Computime Limited *vs.* MITA *et.***, Prim'Awla, tal-14 ta' Diċembru, 2012 ingħad:

> ***"Rekwiżit taħt l-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta'Malta:***
>
> *Fil-każ in eżami, l-Qorti hija tal-fehma, li s-soċjetà rikorrenti ma ssodisfatx lil din il-Qorti li ser issofri ħsara irrimedjabbli, bin-nuqqas ta' ħruġ tal-Mandat mitlub.*
>
> *Huwa evidenti illi l-ħsara tista' tkun waħda finanzjarja però jidher li r-rikorrenti diġà intavola proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell u għandu disponibbli għalih rimedji ulterjuri. Infatti:*
>
> *"...in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fuq il-meritu..." (vide **Dr. Victor Borg Grech vs. Gasan et nomine**[17]).*
>
> *Illi apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioe telf ta' qliegħ jew flus."*

Illi *prima facie* għalhekk ma jirriżultax li hemm dan id-dritt da parti tas-soċjetajiet rikorrenti, anzi hemm lok illi fl-akkwati inkwistjoni titranġa s-sitwazzjoni tat-traffiku kemm jista' jkun malajr biex tiġi evitata xi disgrazzja.

Illi ladarba jirriżulta illi s-soċjetajiet rikorrenti m'għandhomx dritt *prima facie* li jkomplu bis-sistema preżentement użata għall-ħatt ta' merkanzija

[17] P.A. 02.01.1993.

u li l-preġudizzju li jistgħu jsofru s-soċjetajiet rikorrenti jekk ma jinħarigx il-mandat ta' inibizzjoni mhuwiex wieħed irrimedjabbli, mhuwiex il-każ li l-Qorti tidħol fl-elementi kumulattivi l-oħrajn għal ħruġ ta' mandat bħal dan, u għaldaqstant qiegħda tiċħad it-talba.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant filwaqt li tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu, 2017 sa fejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament.**

**Bl-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura kontra s-soċjetajiet rikorrenti *in solidum*.**

Mogħti kameralment fl-24 ta' April, 2017.